42006D0278

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

tas-6 ta' April 2006

li taħtar avukat ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2006/278/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 7 u 8 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u bħala konsegwenza tar-riżenja tas-Sur Antonio TIZZANO, għandu jiġi maħtur avukat ġenerali għall-perjodu li fadal tal-mandat tas-Sur Antonio TIZZANO, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2006,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Paolo MENGOZZI huwa b'dan maħtur avukat ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tiegħu sas-6 ta' Ottubru 2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' April 2006.

Il-President
G. WOSCHNAGG